

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 6.5.2010
KUMM(2010)221 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**DWAR L-IŻVILUPP TAS-SISTEMA TA' INFORMAZZJONI TA' SCHENGEN TAT-
TIENI ĠENERAZZJONI (SIS II)**

Rapport ta' Progress

Lulju 2009-Diċembru 2009

WERREJ

1.	Introduzzjoni	3
2.	Fiex Wasal il-Proġett	3
2.1.	Progress li sar matul il-perjodu li qed jiġi analizzat.....	3
2.1.1.	Deskrizzjoni fil-qosor	3
2.2.	Preparamenti għall-ittestjar tal-objettiv.....	4
2.3.	Preparamenti għal soluzzjoni teknika alternattiva	4
2.4.	Preparamenti għad-dħul fis-seħħ.....	4
2.5.	Preparazzjonijiet għall-migrazzjoni	5
2.5.1.	Strumenti legali tal-migrazzjoni.....	5
2.6.	In-netwerk SIS II.....	6
2.7.	Ġestjoni operattiva	6
2.8.	Sigurtà u protezzjoni tad-dejta	6
3.	Il-ġestjoni	7
3.1.	Implikazzjonijiet finanzjarji	7
3.2.	Il-ġestjoni tal-proġett.....	8
3.2.1.	Bord tal-Ġestjoni Globali tal-Programm (BGGP)	8
3.2.2.	Kumitat tas-SISVIS (SIS II)	8
3.2.3.	Ippjanar u koordinazzjoni nazzjonali.....	8
3.2.4.	Kunsill.....	8
3.2.5.	Il-Parlament Ewropew	9
4.	Prijoritajiet għall-perjodu li jmiss ta' rappurtaġġ	9
5.	Konklużjonijiet.....	9

1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport ta' progress jiddeskrivi x-xogħol li sar fit-tieni semestru tal-2009 rigward l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) u l-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II. Huwa ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-SIS II. Dan ir-rapport jikkostitwixxi wkoll rapport dwar fiex wasal l-ittestjar.

2. FIEX WASAL IL-PROĠETT

2.1. Progress li sar matul il-perjodu li qed jiġi analizzat

2.1.1. Deskrizzjoni fil-qosor

Dan il-perjodu kien dominat mill-implimentazzjoni tal-orjentamenti provduti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-4-5 ta' Ġunju u t-30 ta' Novembru 2009 rispettivament.

Fl-4-5 ta' Ġunju, il-Kunsill ikkonkluda li l-iżvilupp tas-SIS II se jkompli fuq il-bażi tal-proġett SIS II preżenti mill-kuntrattur prinċipali għall-iżvilupp, u li soluzzjoni teknika alternattiva sabiex jinkiseb SIS II (imsemmi "SIS 1+RE") tinżamm bħala pjan ta' kontinġenza għall-perjodu meħtieġ sabiex jappoġġja lill-proġett. Il-Kunsill qabel ukoll għal żewġ passi importanti tal-proġett u speċifika l-aspetti tekniċi tal-kundizzjonijiet u kriterji ta' ħruġ li jridu jiġu sodisfatti sabiex ikun jista' jitkompla l-proġett SIS II preżenti. L-għan ta' dawn il-passi importanti huwa li jippruvaw l-istabbiltà, l-affidabbiltà u l-prestazzjoni tas-SIS II ċentrali u t-tħaddim kif support ta' funzjonalitajiet vitali prinċipali, bħall-konsistenza tad-dejta u t-trasferiment affidabbli tal-messaġġi, wara fażijiet sinifikattivi u importanti fl-iżvilupp tal-proġett tas-SIS II. It-testijiet relatati se jibdeu hekk kif il-Kummissjoni u l-Istati Membri jiddikjaraw li huma lesti u l-funzjoni tas-sostenn tekniku fi Strasburgu (C.SIS) tikkonferma li l-għodod għall-ittestjar tas-SIS 1+ ikunu kkwalfikati u lesti.

L-ewwel pass importanti kien skedat li jseħħ wara t-testijiet ta' prestazzjoni tas-sistema, previsti għar-raba' tliet xhur tal-2009. Madanakollu, l-Kunsill tat-30 ta' Novembru kkonkluda li l-għeluq taż-żmien finali fir-rigward tal-ksib tal-ewwel pass tal-ittestjar se jkun id-29 ta' Jannar 2010 l-aktar tard. Perjodu ta' riflessjoni ta' xahrejn għall-Kunsill se jibda fit-30 ta' Jannar 2010 sabiex jiġu vvalutati l-implikazzjonijiet tat-test, soġġett għar-riżultat tal-ewwel pass tal-ittestjar.

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, ħolqot l-elementi meħtieġa sabiex issegwi d-direzzjoni mogħtija fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill. Għalhekk ix-xogħol ġie organizzat fuq tliet ferġat prinċipali:

- Preparamenti għall-ittestjar tal-objettiv;
- Preparamenti għal soluzzjoni teknika alternattiva;
- Preparamenti għad-dħul fis-seħħ.

2.2. Preparamenti għall-ittejtjar tal-objettiv

Preparamenti tekniċi bdew għall-ewwel żewġ testijiet tal-objettiv, sabiex jiġi verifikat jekk is-sistema hiex ibbażata fuq fundamenti solidi. Il-preparamenti tekniċi kellhom l-għan, b'mod partikolari, li jassiguraw li kull kundizzjoni preċedenti sabiex isir it-test tiġi sodisfatta (konformita' tas-sistemi nazzjonali li se jipparteċipaw fit-test, produzzjoni tad-dejta għall-ittejtjar, validazzjoni tal-għodod tal-ittejtjar, aġġustament għall-ittejtjar tas-sistema ċentrali u twaqqif tad-deskrizzjonijiet dettaljati tal-ittejtjar). Sal-aħħar tal-2009 hdx-il Stat Membru kienu kisbu stat ta' konformita' u l-istrumenti SIS 1+ tal-ittejtjar kienu kwalifikati u lesti.

F'Ġunju l-Kunsill stieden ukoll lill-Kummissjoni sabiex jassigura li l-miljiet ikunu parti mir-riżultati taħt il-kuntratt għall-proġett preżenti SIS II u sabiex jintlaħaq ftehim mal-kuntratturi l-oħra li non-konformita' ma' dawn il-miljiet tkun tikkonsisti f'kundizzjonijiet reżoluttivi fir-rigward ta' kuntratti eżistenti. L-emenda rispettiva tal-kuntratt għall-ewwel pass ġie ffirmat bejn il-partijiet fit-13 ta' Ottubru. Din l-emenda notevolment kienet tinkorpora dispożizzjoni li tistqarr li huwa dritt tal-Kummissjoni li twaqqaf kuntratt b'effett immedjat jekk skont il-Kunsill SIS II ma għaddiex mill-ewwel pass tal-ittejtjar.

2.3. Preparamenti għal soluzzjoni teknika alternattiva

Sabiex tiġi ppreparata l-bażi għall-possibbiltà ta' bidla ta' xenarju tekniku alternattiv għall-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet SIS II, f'każ li wieħed mill-passi jitqies li falla, inbdew negozjati esplorattivi mal-awtoritajiet Franċiżi.

Element prinċipali ta' kull delegazzjoni għal Franza tkun tirrigwarda l-adozzjoni ta' proposti leġislattivi sabiex jiġu emendati l-istrumenti ta' migrazzjoni (proposta għal Regolament¹ u proposta futura sabiex jiġu inkorporati aspetti li qabel kienu koperti minn deċizzjoni tat-tielet pilastru – ara taqsima 2.5.1.).

2.4. Preparamenti għad-dħul fis-seħħ

Ir-reviżjoni komprensiva tal-arkitettura eżegwita minn konsulent speċjalista fl-IT bejn Marzu u April 2009 waslet għal konsensus wiesa' fost l-esperti SIS II dwar l-assenza ta' żbalji maġġuri fl-arkitettura SIS II. Madanakollu, f'termini ta' tfassil u implimentazzjoni, saru għadd ta' rakkomandazzjonijiet biex jitjiebu ċerti aspetti tas-sistema, bħal prestazzjoni miksuba, l-iskalabbiltà tas-sofwer u l-faċilità biex issir il-manutenzjoni. L-arkitettura tal-messaġġ operattiv ġiet identifikata li kienet kumplessa żżejjed u li tista' tiġi ssimplifikata. Il-perjodu ta' analiżi u ta' rimedju, enfasizzat fir-rapport preċedenti, identifika numru ta' żoni fis-sistema li għandhom bżonn jiġu mtejbja.

Fl-istess waqt mal-preparamenti għall-ewwel pass tal-ittejtjar, il-Kummissjoni, l-esperti tal-Istati Membri u l-kuntratturi ħadmu flimkien fuq il-valutazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi sabiex fl-aħħar toħroġ verżjoni tas-sofwer li se tintuża f'sistema "live". Dan ix-xogħol sar permezz ta' studji, laqgħat ta' ħidma (workshops), prototipi ("provi ta' kunċett") u diskussjoni fil-Bord tal-Ġestjoni Globali tal-Programm (BGGP)². Il-Bord tal-Ġestjoni Globali tal-Programm (BGGP) ġie stabbilit mill-Kummissjoni biex jiżgura ġestjoni u koordinazzjoni mtejbja tal-proġett tas-SIS II u ta' attivitajiet relatati, inkluż l-iżgurar tal-konsistenza bejn l-iżvilupp tas-sistemi ċentrali u nazzjonali.

¹ Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1104/2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II, l-ewwel kolonna, [COM/2009/508](#) finali).

² Ara t-Taqsima 3.2.1.

Il-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri u l-kuntrattur prinċipali għall-iżvilupp, bdew diversi inizzjattivi, sabiex jipproduċu speċifikazzjonijiet imsaħħa għas-sistema. Żoni partikolari li kienu investigati fil-fond kienu:

- Simplifikazzjoni tal-mod kif volumi kbar tad-dejta jiġu "mormija" (pereżempju meta Stat Membru jista' jkollu bżonn li johlq mill-ġdid kopja tal-bażi tad-dejta ċentrali fuq livell nazzjonali)
- Simplifikazzjoni tal-proċessi tal-konsistenza tad-dejta;
- Ristrutturazzjoni tal-format tal-messaġġ;
- Razzjonalizzazzjoni tal-funzjonijiet għall-ħolqien, aġġornament u tħassir tar-reġistri fil-punt fejn dawn jidħlu fis-sistema ċentrali sabiex il-proċessi jsiru flimkien u għalhekk b'manjera aktar effettiva f'terminu ta' ħin;
- Armonizzazzjoni tal-proċessi u proċedimenti għall-immaniġjar tal-verżjonijiet differenti tas-sistema.

F'Diċembru tal-2009, il-kuntrattur prinċipali għall-iżvilupp ippreżenta erba' abozzi ta' whitepapers dwar l-erba' punti finali fil-lista msemmija aktar 'il fuq. Aktar diskussjonijiet mal-Istati Membri dwar ċerti rekwiżiti mhux funzjonali se jkunu bżonnjużi qabel ma' dan ix-xogħol ikun jista' jiġi ffinalizzat.

Barra minn hekk, żviluppi fl-użu tas-SIS mill-Istati Membri waslu għal sitwazzjoni fejn in-numru ta' allarmi fi ħdan is-sistema żdied b'mod sinifikanti. Mit-22 miljun ta' allarm li kien oriġinarjament previst, l-aħħar estimi jipprevedu 73 miljun allarm fil-futur prevedibbli. Wara li sar studju addizzjonali dwar volumetriċi bejn Ġunju u Settembru, instab li se jkun hemm bżonn li l-Kummissjoni tibqa' taħdem mal-esperti tal-Istati Membri fuq din l-evoluzzjoni importanti tar-rekwiżiti li għandhom ikunu akkomodati f'kwalunkwe soluzzjoni teknika.

2.5. Preparazzjonijiet għall-migrazzjoni

2.5.1. Strumenti legali tal-migrazzjoni

Ir-Regolament tal-Kunsill³ u d-Deċiżjoni tal-Kunsill⁴ li jirregolaw migrazzjoni minn SIS 1+ għal SIS II (l-istrumenti ta' migrazzjoni) issemmu doveri u responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri għall-preparazzjoni ta' din il-migrazzjoni, inkluż aktar żvilupp u ttestjar ta' SIS II. Peress li l-istrumenti legali bħalissa fis-seħħ fihom data ta' skadenza għat-30 ta' Ġunju 2010, il-Kummissjoni ppreżentat proposti sabiex temendhom, prinċipalment sabiex testendi l-għeluq taż-żmien għat-trasferiment tad-dejta minn SIS 1+ għal SIS II.

³ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru [1104/2008](#) tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II), ĠU L 299, 8.11.2008, p.1.

⁴ Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II), ĠU L 299, 8.11.2008, p. 43.

Filwaqt li negozjati komplew fuq proposta leġiżlattiva għal Regolament⁵, il-proposta sabiex tiġi emendata d-Deċiżjoni tal-Kunsill taħt it-tielet pilastru ta' qabel ma baqgħetx tgħodd mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona. Il-Kummissjoni beħsieba tintroduċi proposta fil-forma proċedurali xierqa tul l-2010.

Flimkien, dawn il-proposti għandhom l-għan ukoll li jwaqqfu korp ta' koordinazzjoni ta' esperti tekniċi għal aktar ġestjoni tal-iżvilupp ġenerali ta' SIS II, kif mitlub mill-Kunsill tal-ĠAI tal-4-5 ta' Ġunju 2009, u li jipprovdu flessibbiltà legali għal xenarju tekniku alternattiv, skont l-approċċ tal-Kunsill li jżommu pjan ta' kontinġenza għall-proġett.

2.6. In-netwerk SIS II

Il-proġett tas-SIS II jinkludi l-fornitura ta' netwerk ta' komunikazzjoni fuq żona wiesgħa, li jissodisfa r-rekwiżiti ta' disponibbiltà, sigurtà, kopertura ġeografika u livell ta' servizz, biex is-sistemi nazzjonali u ċentrali jkunu jistgħu jikkomunikaw.

Il-persunal tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (KEPD) għamel spezzjoni fis-SOC (ċentru tan-netwerk operattiv) fil-Bratislava. L-ispezzjoni uriet li minn perspettiva ġenerali s-sitwazzjoni hi sodisfaċenti. Il-KEPD wisq probabbli se jippreżenta xi rakkomandazzjoni sabiex itejjeb dejjem aktar is-sigurtà fis-SOC kif ukoll sabiex jassigura konformità aħjar mad-dispożizzjonijiet tal-protezzjoni tad-dejta, pereżempju billi jiġi ddikjarat l-użu tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-vidjows.

Ġie organizzat grupp ta' ħidma mal-Istati Membri dwar salvagwardji addizzjonali ta' sigurtà lis-sistema. L-Istati Membri se jkunu kkonsultati dejjem aktar dwar din il-kwistjoni permezz ta' kwestjonarju sabiex jiġu identifikati kwalunkwe azzjonijiet prinċipali li għandhom jiġu kkunsidrati.

2.7. Ġestjoni operattiva

It-taħriġ tal-persunal rekrutat fi Strasburgu sabiex jopera s-sistema kważi tlesta. Il-pjan tas-Sistema ta' Tqabbil Bijometriku "tranżizzjoni għall-operazzjoni" beda u l-persunal fi Strasburgu huma bħalissa prattikament lesti biex joperaw is-Sistema ta' Tqabbil Bijometriku.

Bħalissa għaddejin negozjati fil-korpi preparatorji tal-Kunsill u fil-Parlament dwar il-proposti legali għat-twaqqif ta' aġenzija għall-ġestjoni operattiva fuq żmien twil ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-ġustizzja, liberta' u sigurtà, inkluż SIS II.

2.8. Sigurtà u protezzjoni tad-dejta

Barra mill-kwistjoni ta' sigurtà tan-netwerk imsemmija fit-taqsimha 2.6 aktar 'il fuq, laqgħat bilaterali bejn il-persunal tal-KEPD u s-servizzi tal-Kummissjoni baqgħu jsiru fuq bażi regolari sabiex jiġu diskussi kwistjonijiet ta' sigurtà u protezzjoni tad-dejta relatati ma' SIS II. Fl-1 ta' Diċembru 2009, persunal tal-KEPD għamlu żjara ta' tiftix tal-fatti fis-sit ċentrali tas-SIS II li jinsab fi Strasburgu. Iż-żjara kienet tiffoka fuq sigurtà fiżika.

⁵ Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1104/2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II, l-ewwel kolonna, [COM/2009/508](#) finali).

3. IL-ĠESTJONI

3.1. Implikazzjonijiet finanzjarji

Sal-aħħar tal-perjodu ta' rappurtar l-impenji baġitarji totali magħmulin mill-Kummissjoni fuq il-proġett tas-SIS II jammontaw għal bejn wieħed u ieħor € 81.6 miljun. Il-kuntratti korrispondenti jinkludu studji dwar il-fattibbiltà, l-iżvilupp tas-SIS II ċentrali nnifisha, is-sostenn u l-iżgurar tal-kwalità, in-netwerk tas-SIS II, it-tnejn għall-ġestjoni operattiva fi Strasburgu, is-sigurtà, it-tnejn u l-komunikazzjoni fir-rigward tas-sistema bijometrika.

Minn dan l-ammont, madwar € 50.2 miljun kienu attwalment diġà tħallsu fi tmien Diċembru 2009. L-entrati ewlenin tan-nefqa kienu l-iżvilupp (€ 24.3 miljun), in-netwerk (€ 14.6 miljun) u s-sostenn u l-iżgurar tal-kwalità (€ 6.3 miljun).

Eżekuzzjoni tal-baġit				
	Mill-2002 sa Diċembru 2009		Minn Lulju sa Diċembru 2009	
	Impenji	Flasijiet	Impenji	Flasijiet
Żvilupp	37,458,059	24,260,603	1,530,908	1,812,342
Sostenn u iżgurar tal-kwalità	8,500,034	6,291,933	839,586	1,636,532
Netwerk	26,954,673	14,599,264	5,652,772	4,230,655
Tħejjija għall-ġestjoni operattiva	6,083,613	3,818,929	1,136,768	1,336,466
Is-sigurtà	869,275	143,909	0	24,889
Studji	919,831	895,095	0	0
Oħrajn	834,483	160,778	0	64,253
TOTAL:	81,619,969	50,170,511	9,160,034	9,105,137

Matul il-perjodu kopert mir-rapport preżenti:

- Tħallsu bejn wieħed u ieħor € 9.1 miljun, primarjament għan-netwerk (€ 4.2 miljun) u għall-ispejjeż rikorrenti ta' kull xahar;
- Madwar € 9.2 miljun kienu ġew impenjati (i.e. 34% tal-appropriazzjonijiet kollha għall-attivitajiet tas-SIS II pprovduti fil-Baġit Ġenerali għall-2009 kienu ġew impenjati sal-aħħar tas-sena). Din il-figura iktar baxxa minn dak li kien imbassar hija r-riżultat tal-fatt li l-ordnijiet għal servizzi u prodotti ġodda ġew posposti sakemm tinstab soluzzjoni għal problemi tekniċi li qamu fl-iżvilupp u fl-orjentazzjonijiet ġodda tal-Kunsill għall-proġett.

- Pieni li jammontaw għal 390,000 Euro ġew applikati b'konnessjoni mal-falliment tat-testijiet "OST" f'Diċembru 2008.

3.2. Il-ġestjoni tal-proġett

3.2.1. Bord tal-Ġestjoni Globali tal-Programm (BĠGP)

Sabiex jiġi assigurat l-aħjar involviment tal-Istati Membri, hekk kif il-proġett daħal ffazi ġdida, approċċ globali tal-ġestjoni tal-programm SIS II ġie introdott f'Jannar 2009, kif rikonoxxut mill-Kunsill fis-26-27 ta' Frar. Il-Kunsill tal-4-5 ta' Ġunju stieden lill-Kummissjoni biex tibni fuq l-esperjenza u l-lezzjonijiet li nkisbu minn dik l-istruttura ta' ġestjoni u biex tiżviluppaha aktar. Dawn il-bidliet ġew ikkonsolidati fil-proposta leġiżlattiva għal Regolament sabiex jiġu emendati l-istrumenti ta' migrazzjoni.

Dan il-bord iltaqa' 22 darba matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport. Dan il-bord ikkontribwixxa b'mod pożittiv għall-ġestjoni tal-programm u assigura żieda fil-partiċipazzjoni tal-Istati Membri.

3.2.2. Kumitat tas-SISVIS (SIS II)

Fl-iżvilupp tas-SIS II il-Kummissjoni hija assistita mill-Kumitat tas-SISVIS. Fil-perjodu Lulju – Diċembru 2009 kien hemm ħames laqgħat tal-Kumitat tas-SISVIS dwar kwistjonijiet tas-SIS II.

Barra mil-laqgħat regolari tal-Kumitat tas-SISVIS, qed jiġu organizzati gruppi ta' ħidma tal-Kumitat u sessjonijiet ta' diskussjoni u ħidma, li jinvolvu lill-esperti tal-Istati Membri, biex jiġu diskussi kwistjonijiet tekniċi ddettaljati. Dawn il-laqgħat ġeneralment jiffukaw fuq kwistjonijiet li jinbtu mit-twettiq speċifiku tal-proġett:

- Il-"Grupp Konsultattiv tat-Testijiet" (GKT) jipprovdi lill-Kumitat tas-SISVIS b'opinjoni fuq kwistjonijiet relatati mal-organizzazzjoni, l-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni tat-testijiet. Dan il-grupp iltaqa' 23 darba f'dan il-perjodu meqjus mir-rapport;
- Il-"Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla" (BĠB) jagħti pariri dwar il-klassifikazzjoni, il-kwalifikazzjoni u l-impatt potenzjali tat-tiswija ta' kwistjonijiet irrappurtati. Il-grupp ta' ħidma, li wkoll jirrapporta lill-Kumitat tas-SISVIS, iltaqa' ħames darbiet matul il-perjodu meqjus mir-rapport;
- Is-Sessjonijiet ta' Diskussjoni u Ħidma dwar il-Migrazzjoni lejn is-SIS II ilhom isiru minn mindu ħarġu l-konklużjonijiet tal-Grupp tal-Migrazzjoni, biex jagħtu pariri lill-Kumitat tas-SISVIS u biex ifittxu attivitajiet dwar din il-kwistjoni kritika.

3.2.3. Ippjanar u koordinazzjoni nazzjonali

Ġie organizzat fi ħdan il-qafas tal-Kumitat tas-SISVIS grupp ta' ħidma magħmul mill-manigġers tal-proġetti nazzjonali (MNP) tal-Istati Membri u tal-utenti. L-iskop ta' dawn il-laqgħat tal-MNP huwa li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet iddettaljati dwar l-ippjanar, ir-riskji u l-attivitajiet, kemm fuq il-livell ċentrali tal-proġett kif ukoll fuq dak nazzjonali. Matul dan il-perjodu saru erba' laqgħat tal-MNP.

3.2.4. Kunsill

Il-Kummissjoni tiegħu sehem fil-laqgħat tal-korpi preparatorji tal-Kunsill responsabbli għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u f'kull sessjoni tal-Kunsill tal-Ministri fejn SIS II hi inkluża fuq l-aġenda. F'dawn l-okkażjonijiet il-Kummissjoni ppreżentat rapporti orali dwar l-istat ta' ħidma tal-proġett SIS II, ir-riskji assoċjati u l-passi futuri mistennija.

3.2.5. Il-Parlament Ewropew

L-iżviluppi kollha importanti fil-fajl ta' SIS II ġew ikkomunikati permezz ta' ittra mill-Viċe-President Barrot lill-President tal-Kumitat LIBE u lir-relaturi prinċipali. Waqt il-perjodu ta' dan ir-rapport intbagħtu erba' minn dawn l-ittri.

Membri tal-Parlament Ewropew ġew imħarrġa mill-Viċe-President stess kull darba li saru deliberazzjonijiet dwar SIS II fil-laqgħat tal-Kunsill. Żewġ laqgħat tal-Kunsill ĠAI iddiskutew SIS II waqt dan il-perjodu.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni dehret fil-laqgħat Plenarji u tal-Kumitat kollha, sabiex jindirizzaw direttament kwistjonijiet relatati mas-SIS II: total ta' erba' laqgħat flimkien mal-laqgħa tal-Viċe-President mal-koordinaturi tal-gruppi politiċi tal-Kumitat LIBE.

Il-Kummissjoni attendiet ukoll għas-sessjoni Parlamentari u ħadet nota tar-reżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2009 dwar progress tas-Sistema tal-Informazzjoni tas-Schengen II u s-Sistema tal-Informazzjoni tal-Viża. Il-Viċe-President kompli dan b'ittra lill-President tal-Kumitat LIBE.

Finalment, il-Kummissjoni rrispondiet lill-erba' mistoqsijiet Parlamentari relatati mas-SIS II.

4. PRIJORITAJIET GĦALL-PERJODU LI JMISS TA' RAPPURTAĠĠ

- Ittestjar tal-passi importanti;
- Provvediment lill-Kunsill b'input xieraq li mbagħad jiddaħħal fil-perjodu ta' riflessjoni ta' xahrejn jekk il-passi importanti tal-ittestjar iwasslu għal riżultati mhux sodisfaċenti;
- Preparamenti għal soluzzjoni teknika alternattiva fil-każ li l-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni sabiex twaqqaf il-proġett preżenti ta' SIS II;
- Preparamenti għad-dħul fis-seħħ.

5. KONKLUŻJONIJIET

Waqt dan il-perjodu x-xogħol kien jiffoka fuq attivitajiet sabiex jiġu segwiti l-orjentamenti pprovdu mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni f'Ġunju u f'Novembru 2009 rispettivament.

Il-Kummissjoni qablet mal-persuni interessati l-oħra li l-passi importanti fl-ittestjar li kienu mitluba mill-Kunsill f'Ġunju kienu se jipprovdu indikazzjoni dwar l-istabbiltà, kredibilita' u prestazzjoni tas-sistema ċentrali. Ir-riżultat ta' dawn it-testijiet se jikkostitwixxi element importanti fid-diskussjonijiet dwar id-direzzjoni futura tas-SIS II.

Il-Kummissjoni ħadmet bi sħubija mill-qrib mal-Istati Membri sabiex timplimenta l-konklużjonijiet imsemmija aktar 'l fuq u żammet informat lill-Parlament Ewropew bl-iżviluppi. B'mod partikolari l-Kummissjoni assigurat li elementi legali, tekniċi, organizzattivi

u kuntrattwali daħlu fis-seħħ sabiex il-kuntrattur prinċipali għall-iżvilupp iwettaq l-ewwel pass fl-ittestjar taħt kundizzjonijiet pożittivi. F'konformita' mal-orjentamenti tal-Kunsill f'Ġunju, il-Kummissjoni integrat l-ewwel pass fil-kuntratt prinċipali tal-iżvilupp.

Il-Kunsill, fil-laqgħa tiegħu tat-30 ta' Novembru, għażel id-29 ta' Jannar 2010 bħala l-għeluq taż-żmien għat-twettiq tal-ewwel pass tal-ittestjar. Numru suffiċjenti ta' Stati Membri setgħu jippruvaw il-konformita' tagħhom talli hađu sehem f'dan it-test.

Jekk l-ewwel pass fl-ittestjar ikun bla suċċess, il-Kummissjoni taqbel li hi se tappoġġja lill-Kunsill fil-proċess ta' riflessjoni dwar aktar direzzjoni tas-SIS II billi tipprovi, bil-miktub, l-informazzjoni finanzjarja u baġitarja li hi meħtieġa.

Inbdew negozjati esplorattivi mal-awtoritajiet Franċiżi għal deċiżjoni possibbli mill-Kummissjoni sabiex twaqqaf il-proġett preżenti SIS II u tkompli fuq bażi ta' xenarju tekniku alternattiv għall-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet SIS II, jekk wieħed mill-passi li għandhom jitqies mill-Kunsill li jkun falla.

Barra minn hekk, waqt il-perjodu kopert minn dan ir-rapport, il-Kummissjoni organizzat ix-xogħol meħtieġ sabiex tippermetti għal analiżi estensiva, flimkien mal-esperti tal-Istati Membri, tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' SIS II, sabiex tkun tista' tiggwida deċiżjonijiet għall-futur.

Laqgħat tal-Kumitat tas-SISVIS (SIS II) u tal-Gruppi ta' Ħidma**a) Laqgħat li saru matul il-perjodu ta' rappurtaġġ**

LULJU 2009	
8, 13, 29	Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II
15	Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla / Sessjoni ta' Diskussjoni u Ħidma dwar il-Migrazzjoni
14	Laqgħa tal-'Maniġers tal-Proġetti Nazzjonali'
14	Kumitat SISVIS (SIS II tekniku)
2, 9, 16, 31	Grupp Konsultattiv tat-Testijiet

AWWISSU 2009	
12, 19, 26	Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II
06, 20, 28	Grupp Konsultattiv tat-Testijiet
26	Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla / Sessjoni ta' Diskussjoni u Ħidma dwar il-Migrazzjoni

SETTEMBRU 2009	
2, 9, 16, 22	Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II
15	Kumitat SISVIS (SIS II tekniku)
3, 10, 17, 24	Grupp Konsultattiv tat-Testijiet

OTTUBRU 2009	
1	Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla
20	Laqgħa tal-'Maniġers tal-Proġetti Nazzjonali'
20	Kumitat SISVIS (SIS II tekniku)
27	Il-Kumitat SIS (SIRENE)
1, 8, 15, 22, 29	Grupp Konsultattiv tat-Testijiet

6, 13, 21, 28	Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II
---------------	---

NOVEMBRU 2009	
3, 11, 18, 24	Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II
25	Laqgħa tal-'Maniġers tal-Proġetti Nazzjonali'
25	Kumitat SISVIS (SIS II tekniku)
3	Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla / Sessjoni ta' Diskussjoni u Ħidma dwar il-Migrazzjoni
5, 12, 19, 26	Grupp Konsultattiv tat-Testijiet

DIĊEMBRU 2009	
1, 9, 15,	Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II
16	Laqgħa tal-'Maniġers tal-Proġetti Nazzjonali'
16	Kumitat SISVIS (SIS II tekniku)
10	Sessjoni ta' Diskussjoni u Ħidma dwar il-Migrazzjoni / Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla
3, 10, 17	Grupp Konsultattiv tat-Testijiet

b) Laqgħat li huma diġà skedati għall-perjodu li ġej ta' rappurtaġġ

JANNAR 2010	
20	Laqgħa tal-'Maniġers tal-Proġetti Nazzjonali'
20	Kumitat SISVIS (SIS II tekniku)
14	Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla / Sessjoni ta' Diskussjoni u Ħidma dwar il-Migrazzjoni
6, 13, 20, 27	Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II
7, 14, 21, 28	Grupp Konsultattiv tat-Testijiet

FRAR 2010	
3, 10, 17, 24	Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II

24	Laqgħa tal-'Manigiers tal-Proġetti Nazzjonali'
18	Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla / Sessjoni ta' Diskussjoni u Ħidma dwar il-Migrazzjoni
24	Kumitat SISVIS (SIS II tekniku)
20	Kumitat SISVIS (SIRENE)
4, 11, 18, 25	Grupp Konsultattiv tat-Testijiet

MARZU 2010

3, 10, 17, 24, 31	Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II
24	Laqgħa tal-'Manigiers tal-Proġetti Nazzjonali'
24	Kumitat SISVIS (SIS II tekniku)
18	Sessjoni ta' Diskussjoni u Ħidma dwar il-Migrazzjoni / Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla
4, 11, 18, 25	Grupp Konsultattiv tat-Testijiet

APRIL 2010

7, 14, 21, 28	Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II
24	Laqgħa tal-'Manigiers tal-Proġetti Nazzjonali'/ Kumitat tas-SISVIS (SIS II Tekniku)
15	Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla / Sessjoni ta' Diskussjoni u Ħidma dwar il-Migrazzjoni
8, 15, 22, 29	Grupp Konsultattiv tat-Testijiet

MEJJU 2010

5, 12, 19, 26	Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II
26	Kumitat SISVIS (SIS II tekniku)
26	Laqgħa tal-'Manigiers tal-Proġetti Nazzjonali'
7, 21, 28	Grupp Konsultattiv tat-Testijiet
20	Sessjoni ta' Diskussjoni u Ħidma dwar il-Migrazzjoni / Bord tal-

	Ġestjoni tal-Bidla
--	--------------------

ĠUNJU 2010	
2, 9, 16, 30	Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II
17	Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla / Sessjoni ta' Diskussjoni u Fiddma dwar il-Migrazzjoni
23	Laqgħa tal-'Maniġers tal-Proġetti Nazzjonali'
4, 11, 18, 25	Grupp Konsultattiv tat-Testijiet